dejjem
*Kreattiv, Innovattiv, Professjonali*

# EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA

## Kulleġġ Maria Reġina

## Sena Skolastika 2014/2015

| Il-Ħames Sena | IL-MALTI<br>(Il-Fehim mis-Smigħ) | Il-Ħin: 30 minuta |
|---|---|---|

## Il-Karta tal-Għalliema

## Gwida għat-Tmexxija tal-Eżami tal-Fehim mis-Smigħ

1. Qassam il-karti bil-mistoqsijiet u itlob lit-tfal jiktbu isimhom, kunjomhom u l-klassi.
2. Aqra l-iskript bil-mod u b'leħen ċar kemm tista'.
3. L-iskript aqrah darbtejn, kwarta kull darba.

*Tfal, tistgħu tibdew taqraw il-mistoqsijiet f'qalbkom. Għandkom 5 minuti. Tiktbu xejn.*

*(Wara 5 minuti)*

***Issa se nkun qed naqralkom l-istorja "Il-Fortizza". Isimgħu sew għax wara tridu twieġbu l-mistoqsijiet. Is-silta u l-mistoqsijiet se naqrahomlkom darba, nagħtikom iċ-ċans twieġbu, u wara nerġa' naqralkom is-silta u l-mistoqsijiet għat-tieni darba.***
***Waqt li qed naqra s-silta tistgħu tibdew twieġbu l-mistoqsijiet. Fl-istess ħin, iżda, ibqgħu attenti għal dak li qegħdin tisimgħu.***

***Se nibda.***

## Il-Fortizza

It-tewmin ma kienu jibdluha ma' xejn dik l-għawma ta' kull filgħodu. Peress li fost il-ġimgħa l-bajja ma kinitx tkun mimlija bin-nies daqs is-Sibtijiet u l-Ħdud, Charles u Joe kienu jieħdu gost igħumu bil-kwiet kull filgħodu. Kellhom maskra u par flippers kull wieħed u erħilhom jiflu l-qiegħ, igħarrxu għal xi qarnita u jtellgħu kull rizza li jiltaqgħu magħha.

Iżda llum ma kinux se jmorru jgħumu. Illum kienu twebblu li jmorru żewġ passi sal-Fortizza. Għalhekk, filgħodu kmieni qabel ma tikkarga s-sħana tax-xemx, erħewlha bil-pass il-pass. Il-Fortizza kienet mibnija fuq biċċa blat għoli fit-tarf nett tal-bajja. Kienet kbira ġmielha u jgħidu li nbniet f'nofs is-seklu l-ieħor. Missier Charles u Joe kien igħid li jiftakar sewwa meta l-Fortizza kienet mgħammra bis-suldati tal-militar. Dik il-ħabta l-Fortizza kienet xummiema; u dawk is-siġar baxxi tal-olejandru u r-ram illustrat u jleqq kull fejn tara kienu

juruk li l-Fortizza tinsab fl-aqwa tagħha. Iżda xi għaxar snin ilu s-servizzi ma baqgħux jużawha. Imbarraw kullimkien u telqulha minnha 'l Alla. U hekk il-Fortizza bdiet tixjieħ u teqdiem. Ħafna bdew jarmu ż-żibel u l-iskart tagħhom fil-foss kbir li kien idawwarha, uħud bdew iduru għar-ram u jisirquh, oħrajn ikissru bl-addoċċ... u l-Fortizza sabiħa ta' żmien ilu bdiet tinbidel f'qafas bla sura.

Malli Charles u Joe waslu ħdejha jilmħu żewġt irġiel maġenb il-bieb il-kbir. Hekk kif l-irġiel raw liż-żgħażagħ inġibdu lura u mxew bil-ħeffa lejn karozza li kien hemm ipparkjata ftit 'il bogħod. L-irġiel kienu qed jitkellmu bl-Ingliż.

(Silta mill-ktieb, "Id-Dwal fil-fortizza," ta' Trevor Zahra)

****

***Issa li smajtu din is-silta, se naqralkom il-mistoqsijiet. Waqt li qed naqralkom il-mistoqsijiet tistgħu tibdew taħdmu t-tweġibiet.***

***Mela, issa se naqralek Taħriġ A.***

***Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel*** **✓fil-kaxxa t-tajba** ***skont dak li smajt fis-silta.***

**Taħriġ A**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1.** | It-tewmin kienu jgħumu | | kull filgħaxija. |
| | | | s-Sibt. |
| | | | kull filgħodu. |
| | | | s-Sibt u l-Ħadd. |
| | | | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **2.** | Il-bajja kienet tkun mimlija | | kull nhar ta' Ġimgħa. |
| | | | kuljum. |
| | | | kull filgħodu. |
| | | | s-Sibtijiet u l-Ħdud. |
| | | | |
| **3.** | It-tewmin kien jisimhom | | Charles u Jason. |
| | | | Charles u Joe. |
| | | | Joe u Charlon. |
| | | | Joe u Jane. |
| | | | |
| **4.** | Għaliex ma kinux se jmorru jgħumu dakinhar? | | Għax kien il-maltemp. |
| | | | Kienu sejrin sal-baħar. |
| | | | Kienu sejrin sal-Fortizza. |
| | | | Għax it-tewmin ma kinux jifilħu. |
| | | | |
| **5.** | Sal-fortizza | | marru bil-karozza. |
| | | | marru bir-rota. |
| | | | marru ma' ommhom. |
| | | | marru bil-mixi. |
| | | | |
| **6.** | Il-fortizza kienet mibnija | | fuq biċċa blat għoli fit-tarf tar-raħal. |
| | | | fuq biċċa blat għoli fit-tarf tal-bajja. |
| | | | fuq biċċa blat għoli f'nofs ir-raħal. |
| | | | maġenb il-knisja. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | | |
| **7.** | Il-fortizza nbniet | | f'nofs is-seklu l-ieħor. |
| | | | fis-seklu ħmistax. |
| | | | fis-seklu tnax. |
| | | | fis-sena 60 Q.K. |

***Issa se ngħaddu għal Taħriġ B. Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel ✓fil-kaxxa t-tajba skont dak li smajt fis-silta.***

| | | | |
|---|---|---|---|
| **8.** | Meta kienet miżmuma nadifa u fi stat tajjeb il-fortizza kien ikollha | | r-ram illustrat u jleqq. |
| | | | s-siġar imqaċċtin. |
| | | | l-bibien miżbugħin. |
| | | | t-twieqi miftuħa. |
| | | | |
| **9.** | Xi ġralha l-fortizza hekk kif is-servizzi ma baqgħux jużawha? | | Tixjieħ u teqdiem |
| | | | Inbidlet fi ġnien sabiħ |
| | | | Saret mużew |
| | | | Inbidlet fi sptar |
| | | | |
| **10.** | Lil min raw it-tewmin hekk kif waslu ħdejn il-fortizza? | | Tliet irġiel |
| | | | Raġel u mara |
| | | | Żewġ Maltin |
| | | | Żewġt irġiel |
| | | | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **11.** | Kif imxew lejn il-karozza l-irġiel? | | Bil-pass |
| | | | Jimxu |
| | | | Jiġru |
| | | | Ċlikki ċlikki |
| | | | |
| **12.** | B'liema lingwa kienu qed jitkellmu l-irġiel? | | Bl-Ingliż |
| | | | Bil-Malti |
| | | | Bit-Taljan |
| | | | Biċ-Ċiniż |

***Issa wasalna għal Taħriġ Ċ li huwa fuq l-istorja kollha.***
***Imla l-vojt billi tkompli s-sentenza skont dak li smajt:***

**13.** It-tewmin kellhom ________________ u ________________ u erħilhom jiflu ____________ , igħarrxu għal xi ________________ u jtellgħu kull rizza li jiltaqgħu magħha.

***Issa wasalna għall-aħħar taħriġ, Taħriġ D. Agħżel it-tajba billi timmarka ✓ fil-kaxxa t-tajba.***

| | | | |
|---|---|---|---|
| **14.** | Twebblu tfisser | | Imlew moħħhom |
| | | | Ma xtaqux |
| | | | ħarġu |
| | | | xtraw |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **15.** | Qafas bla sura tfisser | | Basket mimli |
| | | | Binja ġdida |
| | | | Binja mfarrka |
| | | | Binja qed tinbena |
| | | | |
| **16.** | Jilmħu tfisser | | jaraw |
| | | | jimxu |
| | | | jsuqu |
| | | | jigru |

***Issa se nerġa' naqralkom l-istorja u wara l-mistoqsijiet. Tistgħu tiċċekkjaw it-tweġibiet tagħkom u timlew fejn ħallejtu vojt.***

Wara li taqra s-silta u l-mistoqsijiet għat-tieni darba agħti ftit minuti lit-tfal biex tara li jkunu lesti. Fl-aħħar tista' tgħid:

***Grazzi! L-eżami tas-smigħ spiċċa.***

**Tmiem il-Karta**